# 86. Ir-Riħ Qed Jonfoħ

Ir-riħ qed jonfoħ qawwi,
irxiex, irxiex, irxiex,
is-saqaf qed iqattar,
il-beraq ma jehdiex;

’Mma l-bidwi u l-bidwija
jinħabbu t-tnejn flimkien,
qishom qegħdin fid-difa
u l-għana ta’ ġol-ġnien.

Ir-riħ qed jonfoħ qawwi,
irxiex, irxiex, irxiex,
iżda tal-bidwi u martu
l-imħabba ma tehdiex.

X’tiswa tar-riħ l-infieħa
mas-sur tal-qalb felħan?
x’tiswa tax-xita l-kesħa
man-nar tal-qalb ħamran?

L-imħabba tagħti s-saħħa,
tfejjaq il-ġrieħi, l-mard,
u f’nofs il-għera tħawwel
ġnejna bil-frott u l-ward.